**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru: 392/2022**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**Vs**

**Hossam Amgad Anwar Aly Elnily**

**Illum, 20 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-22 ta' Lulju 2022 talli:

> "**Hossam Amgad Anwar Aly Elnily**, detentur tal-karta tal-identita' 17897M.
>
> Billi huwa gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'rizoluzzjoni wahda:

1. Akkuzat talli nhar is-06 ta' Lulju, 2022, ghal-habta ta' 04:30hrs u/jew hinijiet ta’ qabel jew wara, gewwa Triq San Pawl kantuniera ma’ Triq San Duminku, Belt Valletta, ikkometta serq ta' flus kontanti minn kaxxa tad-donazzjonijiet. ghad-detriment ta' Anthony Borg u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261. 263 u270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat talli nhar l-10 ta' Lulju, 2022. ghall-habta ta' 03:30hrs u/jew hinijiet ta qabel jew wara, gewwa Triq Santa Lucija, Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel reat ta’ serq minn kaxxa tad-donazzjonijiet ghad-detriment ta' Fr. David Cilia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-hin u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

3. Akkuzat talli nhar 1-10 ta Lulju, 2022, ghall-habta ta' 03:30hrs u/jew hinijiet ta' qabel jew wara, gewwa Triq Santa Lucija, Belt Valletta, volontarjament hassart. jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ kaxxa tad-donazzjonijiet, ghad-detriment ta’ Fr. David Cilia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u

hamsin Ewro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Lulju 2022 u t-18 ta' Lulju 2022, gewwa Basilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu sitwata fi Triq tat-Teatru l-Antik, Belt Valletta, ikkometta serq ta' flus kontanti, ghad-detriment ta' Fr. Charles Mallia u Fr. Vicnent Rotin u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261. 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Lulju 2022 u t-18 ta' I.ulju 2022 gewwa l-istabbiliment Gourmet Cafë' sitwat fi Triq tat-Teatru l-Antik, Belt Valletta, ikkometta serq ta' flus kontanti. ghad-detriment ta' Alberto Centorno u/jew persuni ohra u jew entitajiet ohra. liema serq huwa kwalifikat hil-hin u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-l.igijiet ta' Malta;

6. Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Lulju 2022 u t-18 ta' Lulju 2022 gewwa Triq il-Konservatorju, Floriana, ikkometta serq ta' flus kontanti minn kaxxa tad-donazzjonijiet ghad-detrinment ta' Ionel-Iosif Varga u/jew persuni u jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-mezz u dan bi ksur tal-

Artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Akkuzat talli f'xi hin bejn is-16 ta' Lulju 2022 u t-18 ta' Lulju 2022, gewwa Triq il-Merkanti. Belt Valletta ikkometta serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Elaine Piccinino u/jew persuni u jew entitajiet ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Akkuzat talli nhar id-19 ta' Lulju 2022, ghall-habta ta' 09:00Hrs u/jew hinijiet ta' qabel jew wara, gewwa Basilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu sitwata fi Triq tat-Teatru l-Antik, Belt Valletta. bil-hsieb li iaghmel reat seraq minn kaxxa tad-donazzjonijiet ghad detriment ta' Fr. Sandro Vella u Fr. Vincent Rotin u/jew persuni ohra u/jew entitatjiet ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kinex gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Kif ukoll talli ghex hajja ta' ghazz u vagabundagg u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli tal-istess dati, lok, hin u cirkustanzi; irrenda ruhu recidiv a terminu ta' Artikoli 49 u 50 tal-

Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat illi fl-ewwel seduta l-imputat iddikjara illi huwa hati.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkuzi, l-Qorti ssospendiet fattwalment is-smiegh tal-kawza u tat zmien lill-imputat sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat Difensur tieghu u jerga' jikkunsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud fis-seduta tal-31 t'Awissu 2022;

Rat u qieset ir-rapport imhejji mill-istess Ufficjal tal-Probation;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi stante ammissjoni l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizultaw pruvati u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi l-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Illi in konsiderazzjoni tal-piena idoneja l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kollaborazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u l-fedina penali tal-imputat.

Illi mir-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation u mix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-Probation, jirrizulta li l-imputat ghandu problema tad-droga.

**Decide:**

Illi l-Qorti wara li rat l-Arikoli 49, 50, 261, 263, 267, 270, 284, 325(c) u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat qeghda issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjubi kontra tieghu, tqis li fic-cirkustanzi tal-kaz piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja u ghalhekk qeghda Tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda ukoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur